Verzjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,734, 12 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 437 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D., taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 209 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021, 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master minn din l-Università jew minn università oħra f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju: Accountancy, Banking, Economics, Finance, Insurance, Management, Marketing, Public Policy jew f'qasam ta' studju relatat skont kif approvat mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat;

(b) il-grad ta' Master of Business Administration mogħti minn din l-Università jew minn università oħra approvata klassifikat bħala Għadda b'Mertu, sakemm li l-Bord jista' jikkunsidra applikazzjonijiet minn applikanti li għandhom klassifikazzjoni ta' Għadda, li jkollhom ukoll esperjenza jew għarfien li, fl-opinjoni tal-Bord, jippermettilhom li jsegwu l-istudji tad-dottorat b'suċċess.

(ċ) grad ta' Bachelor miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq) mogħti minn din l-Università jew minn università oħra fl-oqsma ta' Accountancy, Banking, Economics, Finance, Insurance, Management, Marketing, Public Policy jew f'qasam ta' studju relatat skont kif approvat mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat,

sakemm li fil-każijiet kollha msemmija fis-sotto-paragrafi (a) sa (ċ) ta' dan l-ordinament, il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat:

(i) jaċċerta ruħu li l-applikant għandu sfond b'saħħtu ħafna fl-oqsma ta' studju relatati mal-qasam tar-riċerka propost; u

(ii) jissottometti rakkomandazzjoni b'motivazzjoni ċara lill-Bord biex l-istudent jiġi aċċettat, għall-konsiderazzjoni aktar tard tal-Kumitat Akkademiku tad-Dottorat u tas-Senat."

It-Tħassir tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 10 sa 15 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 10 sa 15 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 sa 14.